

Brussell, 27 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15615/25

**Fajl Interistituzzjonali:
2025/0096 (COD)**

**TRANS 559
CODEC 1854**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	14969/25 + ADD 1 + ADD 2 8259/25
Suġġett:	Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali: Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE - Approċċ ġenerali

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-24 ta' April 2025, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ proposti leġiżlattivi biex tirrevedi l-"Pakkett dwar l-Affidabbiltà Stradali" tal-2014. Proposta minnhom temenda d-Direttiva 2014/45/UE dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlars tagħhom (PTI) u d-Direttiva 2014/47/UE dwar l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġitt tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali (RSI) u l-proposta l-oħra tissostitwixxi d-Direttiva 1999/37/KE dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi.

2. Filwaqt li ż-żewġ proposti għandhom l-objettiv ġenerali li jkomplu jtejbu s-sikurezza fit-toroq fl-UE, waqt li jikkontribwixxu għall-mobbiltà sostenibbli u jiffaċilitaw il-moviment liberu tal-persuni u tal-merkanzija fl-UE, il-proposta dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi tistabbilixxi regoli komuni dwar:
 - (a) id-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi maħruġa mill-Istati Membri;
 - (b) ċerta data li trid tiġi rreġistrata fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi;
 - (c) l-iskambju ta' din id-data bejn l-Istati Membri.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

3. Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli għal din il-proposta, u s-Sur Johan DANIELSSON (S&D, SE) inħatar bħala r-rapporteur fis-7 ta' Lulju 2025.
4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta opinjoni fit-18 ta' Settembru 2025. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni ddeċieda li ma joħroġx opinjoni.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

5. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fit-30 ta' April 2025 taħt il-Presidenza Pollakka bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha.
6. Fil-kummenti inizjali tagħhom, id-delegazzjonijiet laqgħu l-proposta tal-Kummissjoni bħala pass 'il quddiem fl-immodernizzar tar-regoli fir-rigward tar-reġistrazzjoni tad-data dwar il-vetturi, it-titjib tas-sikurezza fit-toroq u l-effiċjenza fl-iskambju tad-data u fit-titjib tad-diġitalizzazzjoni fis-settur tat-trasport, u qajmu diversi mistoqsijiet tekniċi dwar diversi aspetti tal-proposta.

7. Taħt il-Presidenza Pollakka, il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar il-pakkett dwar l-affidabbiltà stradali fil-5 ta' Ġunju 2025. Il-ministri laqgħu r-reviżjoni sħiħa tad-Direttivi attwali u l-ambizzjoni biex ikun hemm aktar armonizzazzjoni, diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni. Fl-interventi tagħhom, diversi ministri ssottolinjaw ukoll il-ħtieġa għal skadenzi fattibbli għall-implimentazzjoni u li l-kostijiet u l-piż amministrattiv jinżammu flivell minimu.
8. Il-Presidenza Daniża wettqet l-eżami dettaljat tal-proposta fil-Grupp ta' Ħidma bejn Lulju u Novembru 2025. Abbażi tal-kummenti pprovdu mid-delegazzjonijiet fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma u fil-forma ta' kummenti bil-miktub, il-Presidenza ħejjiet ħames testi ta' kompromess li pproponew għadd kbir ta' soluzzjonijiet tekniċi u kjarifiki għall-proposta tal-Kummissjoni. Il-bidliet ewlenin introdotti mill-Presidenza huma dawn li ġejjin:
- a) Data rreġistrata fir-reġistri tal-vetturi (l-Artikolu 6): Kien hemm qbil ġenerali dwar il-ħtieġa li jiġi żviluppat sett minimu ta' data li għandha tiġi rreġistrata fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi peress li dan jippermetti skambju effiċjenti u konsistenti ta' data bejn l-Istati Membri tal-UE. Madankollu, id-delegazzjonijiet esprimew tħassib li diversi kampijiet tad-data jkunu jeħtieġu bidliet strutturali sinifikanti fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi tagħhom, speċjalment fir-rigward tad-data dwar is-sjeda ċivili tal-vetturi. Sabiex tindirizza t-tħassib tal-Istati Membri, il-Presidenza introduċiet bidliet li jllimitaw ir-rekwiżiti tad-data. Barra minn hekk, id-dispożizzjoni issa ttipprevedi flessibbiltà akbar għall-Istati Membri biex jikkonformaw mal-obbligi tar-reġistrazzjoni tad-data.

- b) Dereġstrazzjoni temporanja (Artikolu 8a ġdid): Bl-għan ewlieni li l-frodi tiġi miġġielda b'mod aktar effiċjenti u tittejjeb it-traċċabbiltà ta' vetturi abbandunati, iddaħħal Artikolu 8a ġdid dwar id-"Dereġstrazzjoni temporanja". Dan jiddefinixxi miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw li dawk l-Istati Membri, li jippermettu l-possibbiltà li l-vetturi jiġi ddereġistrati, jieħdu miżuri adegwati biex jirreġistraw fejn tinsab il-vettura sakemm tiġi rreġistrata mill-ġdid jew sakemm ikun hemm kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-vettura. Il-Presidenza temmen li l-formulazzjoni attwali tippermetti grad għoli ta' flessibbiltà u li l-miżuri jistgħu għalhekk jiġu integrati aktar faċilment fis-sistemi differenti tar-reġistru tal-vetturi fis-seħħ madwar l-Istati Membri tal-UE.
- c) Rikonoxximent reċiproku (Artikolu 9): Il-Presidenza żiedet paragrafu 3 ġdid, li jiċċara l-miżuri li japplikaw għar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura, li ma tkunx ingħatat approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni individwali tal-UE preċedement. F'dawk il-każijiet, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma għandux japplika r-rikonoxximent reċiproku. Il-Presidenza tqis li din id-dispożizzjoni, li ġiet miżjuda fuq talba tal-Istati Membri, tikkontribwixxi biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards nazzjonali tas-sikurezza u dawk ambjentali.
- d) Skambju ta' data (Artikolu 15): Id-delegazzjonijiet b'mod ġenerali appoġġaw l-oġettiv li jittejjbu l-interoperabbiltà transfruntiera u l-iskambju ta' data f'fin reali bejn l-awtoritajiet nazzjonali tar-reġistrazzjoni tal-vetturi. Madankollu, għadd kbir ta' Stati Membri ma qablux li tali skambju għandu jkun imsejjes biss fuq is-sistema MOVE-HUB, żviluppata mill-Kummissjoni. Għal dawn ir-raġunijiet il-Presidenza inkludiet paragrafu ġdid fl-Artikolu 15 li jippermetti lill-Istati Membri jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi, inkluż EUCARIS, biex jiskambjaw data u jikkonnettjaw mas-sistema elettronika MOVE-HUB.

- e) Traspożizzjoni (l-Artikolu 17): B'kont meħud tan-natura ambizzjuża u kumplessa tar-rekwiżiti introdotti mir-reviżjoni proposta, diversi Stati Membri talbu l-estensjoni tal-perjodu ta' traspożizzjoni, li ġie estiż għal tliet snin. Id-dati sa meta l-Istati Membri jridu jikkonformaw ma' xi wħud mid-dispożizzjonijiet operazzjonali, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikoli 3, 10 u 10a, ġew estiżi għal ħames snin biex jiġi żgurat perjodu ta' żmien raġonevolment twil għall-implimentazzjoni tagħhom.
- f) Annessi: Fl-annessi ġew inklużi għadd ta' modifiki tekniċi li għandhom l-għan li jiċċaraw il-komponenti u l-istruttura tiegħu. L-Anness III tħassar bħala anness separat u l-partijiet tiegħu ġew trasferiti għall-Artikolu 5 tal-proposta.
9. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma fit-13 ta' Novembru 2025, id-delegazzjonijiet ġeneralment appoġġaw il-kompromess tal-Presidenza¹ bil-ħsieb ta' approċċ ġenerali, filwaqt li xi wħud talbu aktar kjarifiki jew talbu aktar bidliet f'xi wħud mill-Artikoli.
10. Fil-laqgħa tiegħu tal-21 ta' Novembru, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-kompromess ippreżentat fl-anness u fl-addendum 1 u l-addendum 2 ta' din in-nota.

IV. KONKLUŻJONIJIET

11. Għaldaqstant, il-Kunsill (Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija) huwa mistieden jaqbel dwar approċċ ġenerali fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Diċembru 2025.

¹ 12452/4/25 REV 4 + ADD 1 + ADD 1.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar id-dokumenti tar-reġistrazzjoni għall-vetturi u d-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi rreġistrati fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-reġistrazzjoni ta' vettura tipprovdi l-awtorizzazzjoni amministrattiva biex tibda s-servizz tagħha fit-toroq.

² ĠU C [...], [...], p. [...]

³ ĠU C [...], [...], p. [...]

- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE⁴ tistabbilixxi standards komuni għad-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi għall-Istati Membri. Din teżiġi wkoll li l-Istati Membri jgħinu lil xulxin jimplimentaw id-Direttiva u tindika li dan jista' jsir bi skambju elettroniku tal-informazzjoni relatata mal-vetturi, iżda ma teżiġix dan l-iskambju tad-data ikun obligatorju, li jfixkel il-komunikazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni fost l-Istati Membri.
- (3) Biex jiġu ffaċilitati l-kontrolli u l-verifika taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, hemm bżonn aktar armonizzazzjoni tal-forma u tal-kontenut ta' dawk iċ-ċertifikati.
- (4) L-armonizzazzjoni taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi ser jiffaċilitaw ukoll ir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi li qabel kienu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, u ser jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

[...]

- (5a) Biex titqies il-ħtieġa tad-diġitalizzazzjoni, tissaħħaħ il-kompetittività tal-Unjoni u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, jenħtieġ li jiġu armonizzati iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi u anki mobbli. Jenħtieġ li dawn iċ-ċertifikati jkun fihom l-istess informazzjoni.
- (6) Biex il-kontroll tal-informazzjoni dwar iċ-ċertifikati fiżiċi ikun aktar faċli u malajr, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jinkludu kodiċi QR fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni, inkluż fuq dawk b'forma ta' smartcard. Jenħtieġ ukoll li jkun possibbli li jinħarġu ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi b'forma ta' smartcard b'mikroċippa, diment li tilħaq ċerti speċifikazzjonijiet tekniċi.

⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1999/37/oj>).

- (7) It-trasformazzjoni diġitali hi waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni. Importanti li jitneħħew l-ostakli attwali, inkluż il-piż amministrattiv assoċjat mar-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi. Dan jista' jxekkel il-moviment liberu tal-persuni, u d-dritt tagħhom li jdur liberament fl-Unjoni u li jkunu residenti ta' Stat Membru li ma jkunx dak tar-reġistrazzjoni attwali tal-vettura tagħhom. Għalhekk, minn [data tad-dħul fis-seħħ + 5 snin], iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli jenħtieġ li jinħarġu b'mod awtomatiku mingħajr ma jiġi affettwat id-dritt tal-applikant li jitlob ukoll ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku. Biex tkun żgurata l-interoperabbiltà taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli madwar l-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi ta' dawk iċ-ċertifikati. B'hekk ikun jista' wkoll ikun żgurat li iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni tal-vetturi jkunu jistgħu jiġu kkontrollati u vverifikati.
- (8) Biex jitnaqqsu l-kostijiet taċ-ċittadini u tan-negozji, iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli jenħtieġ li jinħarġu mingħajr ħlas lill-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu tariffa amministrattiva nazzjonali skont il-liġi nazzjonali għall-proċedura ta' reġistrazzjoni.
- (9) Biex jiġu ffaċilitati l-movimenti transfruntiera, b'mod partikolari r-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jirreġistraw b'mod elettroniku d-data kollha meħtieġa dwar il-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom u jżommu dik id-data aġġornata f'kull ħin. Dik id-data ser tgħin billi: ittejjeb il-preċiżjoni tar-reġistri tal-vetturi; tiżgura infurzar aħjar tal-liġi; tiġġieled il-frodi u s-serq tal-vetturi; tikkontribwixxi għall-immaniġġar effiċjenti ta' vetturi abbandunati u telimina r-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li għalihom ikun inħareġ ċertifikat ta' qerda; ittejjeb l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri; u tiffaċilita l-kontrolli tal-istatus tal-vetturi li jridu jiġu esportati.

⁵ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/910/oj>).

- (10) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jikkonforma mal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679. Kwalunkwe data personali użata fil-verifika tad-data tar-reġistrazzjoni ta' vettura jenħtieġ li ma tinżammx mill-verifikatur, sakemm din iż-żamma ma tkunx awtorizzata mil-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.
- (11) L-ittestjar tal-affidabbiltà stradali hu parti minn reġim usa' li jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentalment aċċettabbli waqt l-użu tagħhom. Minbarra l-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi skedati, jenħtieġ li l-vetturi jkunu soġġetti wkoll għal test tal-affidabbiltà stradali jekk is-sistemi u l-komponenti tas-sikurezza jew ambjentali tal-vettura jkunu nbidlu jew ġew modifikati b'mod sinifikanti u l-informazzjoni dwar dan għandha tiġi inkluża fir-reġistru tal-vetturi. Dan jinkludi każijiet fejn ikun hemm bidla fil-kategorija tal-vettura jew fil-livelli tal-emissjonijiet, pereżempju wara l-installazzjoni ta' filtru tal-partikoli jew meta vettura tiġi kkonvertita biex taħdem bi fjuwil alternattiv jew bidla fis-sistema tas-sewqan. F'każ li tali modifiki sinifikanti jirriżultaw f'reġistrazzjoni ġdida f'konformità mar-regolament nazzjonali fl-Istat Membru rispettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri ma jkunux meħtieġa jirreġistraw informazzjoni dwar modifiki sinifikanti tal-vettura fir-reġistru tal-vetturi.
- (11a) Is-sistema tal-affidabbiltà stradali teżiġi s-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni ta' vettura għall-użu fit-toroq meta din il-vettura tkun toħloq riskju għas-sikurezza fit-toroq. Biex jitnaqqas il-piż amministrattiv ikkaġunat mis-sospensjoni, meta titneħħa s-sospensjoni m'hemmx bżonn isir proċess ġdid tar-reġistrazzjoni. Biex ikun żgurat li r-reġistri jkunu preċiżi u aġġornati, meta l-awtorizzazzjoni ta' vettura għall-użu fit-toroq pubbliċi tkun ġiet sospiża wara test tal-affidabbiltà stradali, is-sospensjoni jenħtieġ li tiġi rreġistrata wkoll b'mod elettroniku fir-reġistru sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabbiltà stradali.

- (11b) Il-kanċellazzjoni permanenti tal-awtorizzazzjoni ta' Stat Membru għal vettura li għandha tintuża fit-traffiku tat-triq jenħtieġ li ma tintfiehmx bħala li tipprevjeni lill-vettura milli tkun soġġetta għal reġistrazzjoni ġdida u tinħareġ ċertifikat ta' reġistrazzjoni ġdid, dment li l-vettura tikkonforma mar-regoli applikabbli għar-reġistrazzjoni u li l-vettura ma tkunx ġiet ittrattata bħala vettura li ma għadhiex tintuża.
- (12) Biex ikun żgurat li r-reġistri tal-vetturi jkunu preċiżi u aġġornati, meta vettura tkun ġiet trattata bħala vettura li m'għadhiex tintuża f'konformità mad-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶, ir-reġistrazzjoni ta' dik il-vettura jenħtieġ li titneħħa b'mod permanenti u li dik l-informazzjoni tiżdied mar-reġistru elettroniku.
- (12a) Meta Stat Membru jippermetti d-dereġistrazzjoni temporanja ta' vettura għal perjodu ta' żmien limitat fuq talba tad-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, il-vettura kkonċernata jenħtieġ li tibqa' rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi. Madankollu, jenħtieġ li l-vettura ma tkunx awtorizzata biex tintuża fit-traffiku tat-triq matul il-perjodu ta' dereġistrazzjoni temporanja. Jenħtieġ li l-Istati Membri li jippermettu d-dereġistrazzjoni temporanja tal-vetturi jistabilixxu miżuri adegwati biex jiżguraw li l-post fejn jinsabu l-vetturi li jiġu dereġistrati temporanjament ikun magħruf, bħall-istabiliment ta' perjodu massimu ta' żmien għad-dereġistrazzjoni temporanja, l-iżgurar li kwalunkwe tiġdid ta' dereġistrazzjoni temporanja jingħata biss għal perjodu limitat jew l-obbligu li s-sid jirrapporta dwar il-post fejn jinsabu f'intervalli ta' żmien speċifikati matul il-perjodu li fih il-vettura tiġi deregistrata temporanjament. L-Istati Membri jistgħu jirreġistraw ukoll informazzjoni dwar bidliet fis-sjeda ta' vetturi dereġistrati temporanjament fir-reġistru tal-vetturi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-vetturi jkunu konformi mar-regoli applikabbli għar-reġistrazzjoni u li l-vettura ma tkunx ġiet ittrattata bħala vettura li ma għadhiex tintuża qabel ir-reġistrazzjoni mill-ġdid.
- (13) Għall-fini tal-identifikazzjoni ta' vettura fit-toroq, għal perjodu tranżitorju, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżiġu li s-sewwieqa jgħorru magħhom il-Parti I taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku. Wara dak il-perjodu, l-Istati Membri jenħtieġ li jaċċettaw ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi u anki mobbli għal dak il-għan.

⁶ Id-Direttiva 2000/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru 2000 dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw (ĠU L 269, 21.10.2000, p. 34, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2000/53/oj>)

- (13a) Meta Stat Membru joħroġ il-Parti II taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jew l-ekwivalent tiegħu, il-Parti II taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li tinħareġ biss lis-sid jew lid-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni.
- (13b) Ir-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni tal-vetturi kemm fiżiċi kif ukoll mobbli għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-vetturi fit-traffiku internazzjonali u r-reġistrazzjoni mill-ġdid fi Stat Membru ieħor huwa element essenzjali tal-moviment liberu tal-merkanzija u tal-persuni. Madankollu, għall-fini tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-rikonoxximent reċiproku ma għandux japplika għal vetturi li ma ngħatawx approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni individwali tal-UE biex tiġi żgurata l-konformità mal-istandards nazzjonali tas-sikurezza u dawk ambjentali, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/858, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013. Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti li l-vetturi b'approvazzjoni nazzjonali minn Stat Membru ieħor jenħtieġ li jikkonformaw magħhom qabel ma jkunu jistgħu jiġu rreġistrati mill-ġdid; dan jista' jkun test tal-affidabilità stradali jew proċess ta' approvazzjoni. Jenħtieġ li r-rekwiżiti li l-Istati Membri jistabbilixxu għandhom ikunu f'konformità mad-dispożizzjonijiet fir-Regolament (UE) 2018/858, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013.
- (14) Meta jirreġistraw mill-ġdid vettura li qabel kienet irreġistrata fi Stat Membru ieħor, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, tul perjodu tranżitorju, jeżiġu li tiġi ppreżentata l-Parti I, u meta maħruġa, l-Parti II taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku. Iżda biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-persuni u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li tul dak il-perjodu jkunu jistgħu wkoll jaċċettaw il-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli, jekk ikun inħareġ. Wara l-perjodu tranżitorju, meta tiġi rreġistrata mill-ġdid vettura li qabel kienet irreġistrata fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jaċċettaw il-Parti I, u meta maħruġa, l-Parti II taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku u anki l-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli.

- (15) Biex ikun żgurat li r-reġistri tal-vetturi jkunu preċiżi u aġġornati, meta tiġi rreġistrata mill-ġdid vettura, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw mal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni liema format(i) taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jkunu nħarġu. Meta jkun inħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jirtiraw il-parti(jiet) ta' dak iċ-ċertifikat ippreżentat, u mingħajr dewmien żejjed jenħtieġ li jinfirmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti bl-irtirar. Anki meta jiġi ppreżentat ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li mingħajr dewmien żejjed jinfirmaw lill-awtoritajiet tal-Istat Membru emittenti, u dan tal-aħħar jenħtieġ li jirrevoka minnufih dak iċ-ċertifikat. L-informazzjoni dwar iċ-ċertifikat preċedenti fir-reġistru tal-vetturi jenħtieġ li tinżamm għal 12-il xahar.
- (16) Biex jiġi ffaċilitat l-operat bla xkiel tar-reġim introdott minn din id-Direttiva, b'mod partikolari f'kuntast transfruntier, l-Istati Membri jenħtieġ li jaħtru punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni fil-ħin mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni.
- (17) Biex ikun żgurat li l-Annessi jibqgħu aġġornati, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emenda ta' ċerti partijiet tal-Annessi I u II fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni, fir-rigward ta' elementi mhux obligatorji fil-każ ta' bidliet fil-kontenut taċ-ċertifikati tal-konformità fil-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, jew biex jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, operazzjonali jew xjentifiċi. Importanti b'mod partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁷. B'mod partikolari, biex tkun żgurata parteċipazzjoni indaqs fil-preparazzjoni tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw il-preparazzjoni tal-atti delegati.

⁷ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (18) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-karatteristiċi tal-interoperabbiltà u l-miżuri tas-sigurtà applikabbli għall-kodiċijiet QR introdotti fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi; l-interoperabbiltà, is-sigurtà u l-ittestjar taċ-ċertifikazzjoni tar-reġistrazzjoni mobbli; inkluż il-karatteristiċi tal-verifika u l-interfaċċa mas-sistemi nazzjonali; id-data rilevanti miċ-ċertifikat tal-konformità b'format elettroniku kif previst fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸; l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tas-sistema elektronika MOVE-HUB; u l-format tad-data li trid tiġi kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fuq il-pjattaforma elektronika. Jenħtieġ li daww is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹.
- (19) Sabiex jiġu miġġielda l-frodi u l-kummerċ illegali ta' vetturi misruqa, jiġi żgurat trattament effiċjenti ta' vetturi abbandunati u l-eliminazzjoni tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li għalihom ikun inħareġ ċertifikat ta' distruzzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan jenħtieġ li jinkludi l-ġhoti ta' aċċess għad-data tar-reġistrazzjoni rilevanti u għall-informazzjoni dwar l-affidabbiltà stradali, inkluż is-sospensjonijiet, lill-awtoritajiet tar-reġistrazzjoni ta' Stati Membri oħra.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (20) Sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tad-data, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu interkonnessioni tar-reġistri tal-vetturi u tas-sistemi elettroniċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni dwar l-aħħar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali inkluż iċ-ċertifikat temporanju tal-affidabbiltà stradali tal-UE mas-sistema MOVE-HUB tal-Kummissjoni. L-għan huwa li jiġu skambjati messaġġi tad-data sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni mir-reġistru ta' Stat Membru ieħor f'ħin reali. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi, inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), biex jaqdbu mas-sistema elektronika MOVE-HUB.
- (20a) F'każijiet debitament ġustifikati u għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-iskambju tad-data, tip ta' vetturi speċifiċi, bħal vetturi użati mill-forzi armati, il-forzi responsabbli għal-liġi u l-ordni, is-servizzi tat-tifi tan-nar, is-servizz tal-protezzjoni ċivili u l-vetturi tas-servizzi ta' emerġenza jew ta' salvataġġ, jew kategoriji speċifiċi ta' data relatata ma' dawk il-vetturi.
- (21) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tanalizza s-sitwazzjoni attwali fl-Istati Membri u tipproponi inizjattivi fuq bażi fattwali soda, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkomunikaw data lill-Kummissjoni dwar il-vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom, inkluż l-għadd ta' ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi u mobbli maħruġa, l-għadd ta' reġistrazzjonijiet mill-ġdid ta' vetturi li qabel kienu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, u l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi sospiżi. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibgħat id-data miġbura lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

- (22) L-objettivi ta' din id-Direttiva, jgħifieri l-kisba ta' qafas armonizzat tal-Unjoni għar-reġistrazzjoni tal-vetturi, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom. Dan għax ir-regoli nazzjonali li jirregolaw id-dokumenti tar-reġistrazzjoni, id-data tar-reġistrazzjoni u l-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra jwasslu għal rekwiżiti tant diversi li l-livell tas-sikurezza fit-toroq u l-moviment liberu tal-persuni maħsub minn dawk ir-regoli armonizzati ma jkunx jista' jintlaħaq. Għalhekk, dawk l-objettivi jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (22a) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Ġunju 2025.
- (23) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni¹⁰, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn dokument wieħed jew iktar, fejn tiġi spjegata l-korrelazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet ekwivalenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġiżlatur iqis li t-trażmissjoni ta' dokumenti ta' dak it-tip hija ġustifikata.
- (24) Id-Direttiva 1999/37/KE jenħtieġ li titħassar,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

¹⁰ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli komuni dwar dan li ġejj:
 - (a) id-dokumenti tar-reġistrazzjoni tal-vetturi maħruġa mill-Istati Membri;
 - (b) ċerta data li trid tiġi rreġistrata fir-reġistri nazzjonali tal-vetturi;
 - (c) l-iskambju ta' din id-data bejn l-Istati Membri.
2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għad-dokumenti f'każ ta' reġistrazzjoni temporanja tal-vetturi, sakemm dawn id-dokumenti ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, f'liema każ, għandhom ikunu rikonoxxuti reċiprokament mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "vettura" tfisser kwalunkwe vettura kif definita fl-Artikolu 3, il-punt 15 tar-Regolament (UE) 2018/858 jew fl-Artikolu 3, il-punt 11 tar-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u kwalunkwe vettura msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹²;
- (2) "reġistrazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni amministrattiva għad-dħul fis-servizz fit-traffiku tat-triq ta' vettura, li tinvolvi l-identifikazzjoni ta' din tal-aħħar u l-ħruġ ta' numru tas-serje għaliha, li għandu jkun magħruf bħala n-numru tar-reġistrazzjoni;

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Frar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi għall-agrikoltura u għall-forestrija (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/167/oj>).

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/168/oj>).

- (3) "ċertifikat tar-reġistrazzjoni" tfisser id-dokument, maħruġ mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru, f'format fiżiku, f'format diġitali, jew it-tnejn li huma, li jiċċertifika li l-vettura hija rreġistrata f'dak l-Istat Membru;
- (4) "ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku" tfisser ċertifikat tar-reġistrazzjoni bil-format stampat u fuq smartcard;
- (5) "ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli" tfisser ċertifikat tar-reġistrazzjoni bil-format diġitali;
- (6) "detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni" tfisser il-persuna ġuridika jew fiżika li fisimha tkun irreġistrata vettura;
- (7) "sospensjoni" tfisser perjodu limitat taż-żmien li matulu vettura ma tkunx awtorizzata minn Stat Membru biex tintuża fit-traffiku fit-toroq, b'mod partikolari, f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/45/UE li warajh – dment li r-raġunijiet għas-sospensjoni ma jibqgħux japplikaw – tista' tiġi awtorizzata biex terġa' tintuża mingħajr ma tinvolvi reġistrazzjoni ġdida;
- (8) "dereġistrazzjoni temporanja" tfisser perjodu ta' żmien limitat, mogħti fuq talba tad-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni, li matulu vettura ma tkunx awtorizzata minn Stat Membru biex tintuża fit-traffiku tat-triq, iżda tibqa' rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi u tista' tiġi awtorizzata biex terġa' tintuża mingħajr ma tinvolvi reġistrazzjoni ġdida;
- (9) "kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni" tfisser il-kanċellazzjoni permanenti tal-awtorizzazzjoni ta' Stat Membru għal vettura biex tintuża fit-traffiku tat-triq.

Kapitolu II

Ċertifikati tar-Reġistrazzjoni

Artikolu 3

Rekwiżiti ġenerali għaċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jorġnu ċertifikati tar-reġistrazzjoni għall-vetturi li huma soġġetti għal reġistrazzjoni skont il-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom. Iċ-ċertifikati għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 4, fir-rigward taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi, u l-Artikolu 5 fir-rigward taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli.
2. Meta jinħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni għal vettura rreġistrata qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-data fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni għad-data meħtieġa li tkun disponibbli.
3. Vettura m'għandhiex tkun is-suġġett ta' aktar minn ċertifikat tar-reġistrazzjoni wieħed, ħlief kif stabbilit fil-paragrafi 4 u 5. Iżda ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli jista' jintwera fuq diversi apparati mobbli.
4. Sa [dħul fis-seħħ + 5 snin], l-Istati Membri għandhom jorġnu ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi. Maċ-ċertifikati fiżiċi, jistgħu jorġnu wkoll ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli.
5. B'effett minn [dħul fis-seħħ + 5 snin + jum 1], l-Istati Membri għandhom jorġnu ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli bħala l-format prestabbilit mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jikseb il-format fiżiku jew iż-żewġ formati bl-istess applikazzjoni. Wara l-ħruġ taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni f'format wieħed, id-detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni għandu jkompli jkollu d-dritt li jitlob il-format l-ieħor.
6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi u mobbli maħruġa għall-istess vettura jinħarġu lill-istess detentur u jkun fihom l-istess informazzjoni, kif stabbilit fl-Annessi I u II.
7. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw kull mudell ġdid taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku u d-deskrizzjoni tas-sett tad-data taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien żejjed. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk il-mudelli u d-deskrizzjonijiet tas-settijiet tad-data fuq il-paġna web iddedikata tagħha.

Artikolu 4

Ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi

1. Iċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni fiżiċi għandu jkun fihom parti waħda kif stabbilit fl-Anness I jew żewġ partijiet kif stabbilit fl-Annessi I u II. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lis-servizzi xierqa li jaħtru, b'mod partikolari dawk tal-manifatturi, biex jimlew il-partijiet tekniċi taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni.
2. Id-data mogħtija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku, kif stabbilit fl-Annessi I u II, għandha tkun rappreżentata mill-kodiċijiet armonizzati tal-Unjoni kif stabbilit f'dawk l-Annessi.
3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jinkludu kodiċi QR wieħed jew aktar fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi maħruġa b'mod stampat. Il-kodiċi QR għandu jippermetti l-verifika tal-awtentiċità tal-informazzjoni rrapportata fuq iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku.
4. Iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi maħruġa fuq smartcard jista' jkun fihom mikroċippa f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Annessi I u II. Jekk dan ma jkunx il-każ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jstampaw jew jinċidu kodiċijiet QR fl-ispazju riżervat għal dak il-għan fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni maħruġa minnhom.
5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-karatteristiċi tal-interoperabbiltà tal-kodiċijiet QR stampati fuq ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi, u l-miżuri tas-sigurtà li dawk il-kodiċijiet għandhom jikkonformaw magħhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).
6. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull miżura maħsuba biex jintroduċu kodiċijiet QR fuq iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni tagħhom, jew b'kull bidla ta' tali miżura, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli

1. Iċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 5.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli jinħarġu mingħajr ħlas bħala attestazzjonijiet elettroniċi tal-attributi għall-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 910/2014. Dan huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu tariffa amministrattiva nazzjonali skont il-liġi nazzjonali għall-proċedura ta' reġistrazzjoni.
3. L-informazzjoni mibgħuta direttament mill-attezzjoni elektronika taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli mażżuna fil-Kartieri Ewropej tal-Identità Diġitali għandha tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-validità tal-awtorizzazzjoni tal-vettura li tintuża fit-traffiku tat-triq (il-verifika), inkluż kull restrizzjoni applikabbli fl-Unjoni jew fit-territorju ta' Stat Membru.
4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lista lill-Kummissjoni tal-emittenti fdati taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli. Dawn għandhom iżommu dik il-lista aġġornata. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawk il-listi disponibbli għall-pubbliku b'kanal sigur u b'forma ffirmata jew issiġillata elettronicament adattata għall-ipproċessar awtomatizzat.
5. Sa [dħul fis-seħħ + sentejn], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu dispożizzjonijiet dettaljati dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli, konsistenti mal-ISO/IEC TS 7367 [id-data/il-verżjoni għandha tiżdied ladarba l-istandard jiġi ppubblikat], inkluż il-karatteristiċi u l-proċeduri tal-verifika tal-validità għan-notifika lill-emittenti fdati taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Kapitolu III

Obbligi ġenerali

Artikolu 6

Data rreġistrata fir-reġistri tal-vetturi

1. L-Istati Membri għandhom jirreġistraw elettronikament, fir-reġistri tal-vetturi, id-data kollha elenkata fl-Anness I, il-punti 2(e), tal-vetturi kollha rreġistrati fit-territorju tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jirreġistraw ukoll b'mod elettroniku, fir-reġistri tal-vetturi, id-data elenkata fl-Anness I, il-punti 2 (f) u (g).

Barra minn hekk, ir-reġistri tal-vetturi għandhom jinkludu:

- (a) data rilevanti miċ-ċertifikat tal-konformità b'format elettroniku kif previst fl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) 2018/858;
- (b) ir-riżultat tat-testijiet perjodiċi obbligatorji tal-affidabbiltà stradali f'konformità mad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³ u l-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, inkluż ir-riżultat tat-testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali mwettqa fi Stat Membru għajr l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni, u l-validità taċ-ċertifikat maħruġ minnu, f'konformità mal-Artikolu 4(3) u (4) tad-Direttiva 2014/45/UE;
- (c) informazzjoni dwar kull modifika sinifikanti fis-sistemi u l-komponenti tas-sikurezza jew ambjentali tal-vettura;
- (d) informazzjoni, fejn disponibbli, dwar is-sid tal-vettura;
- (e) imħassar;
- (f) meta disponibbli, l-Istat Membru fejn il-vettura ġiet irreġistrata għall-ewwel darba;
- (g) informazzjoni dwar ir-raġunijiet għall-kanċellazzjoni ta' reġistrazzjoni tal-vettura, meta dik il-vettura tkun ġiet:
 - (i) ittrattata bħala vettura li ma għadhiex tintuża u jkun inħareġ ċertifikat ta' distruzzjoni f'konformità mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2000/53/KE;

¹³ Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/45/oj>).

- (ii) irreġistrata mill-ġdid fi Stat Membru differenti, wara konferma mill-Istat Membru l-ġdid tar-reġistrazzjoni;
- (iii) esportata barra mill-Unjoni, mal-preżentazzjoni ta' dokumenti doganali;
- (iv) misruqa jew meħuda b'xi mod ieħor illegalment, kif ikkonfermat minn rapport tal-pulizija maħruġ lill-aħħar detentur taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni jew lill-aħħar sid tal-vettura;
- (v) irreġistrata bi ksur tar-rekwiżiti dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali;
- (vi) irreġistrata b'Numru ta' Identifikazzjoni tal-Vettura skorrett;
- (vii) soġġetta għall-kanċellazzjoni tar-reġistrazzjoni tagħha għal xi raġuni oħra.

L-informazzjoni msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandha tinżamm aġġornata.

2. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw id-data rilevanti msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, il-punt (a). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 14(2).
3. Meta vettura tkun irreġistrata fir-reġistru tal-vetturi ta' Stat Membru qabel l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw id-data rreġistrata fir-reġistru tal-vettura mad-data meħtieġa li tkun disponibbli.

Artikolu 7

Verifika tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-data personali meħtieġa għall-verifika tal-informazzjoni rrapportata fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku jew fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli ma tinżammx mill-verifikatur, sakemm dik iż-żamma ma tkunx awtorizzata mil-liġi tal-Unjoni jew mil-liġi nazzjonali. Għandhom jiżguraw ukoll li l-awtorità emittenti taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni ma tiġix notifikata dwar il-proċess tal-verifika taċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi, u li din tipproċessa l-informazzjoni riċevuta permezz tan-notifika biss għall-fini ta' tweġiba għat-talba tal-verifika għaċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli.

Artikolu 8
Sospensjoni tar-reġistrazzjoni

1. Meta l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tirċievi notifika ta' test perjodiku tal-affidabbiltà stradali li juri li l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' vettura partikolari fit-traffiku tkun ġiet sospiża skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/45/UE, is-sospensjoni għandha tiġi rreġistrata elettronicament fir-reġistru tal-vetturi.
2. Is-sospensjoni għandha tkun effettiva sakemm il-vettura tgħaddi minn test ġdid tal-affidabbiltà stradali. Malli jirnexxilha tgħaddi mit-test tal-affidabbiltà stradali, l-awtorità kompetenti għandha tawtorizza mill-ġdid mingħajr dewmien l-użu tal-vettura fit-traffiku, u tmiem is-sospensjoni għandu jiġi rreġistrat elettronicament fir-reġistru tal-vetturi. M'għandux ikun meħtieġ proċess ġdid tar-reġistrazzjoni.
3. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw l-ittestjar mill-ġdid ta' vettura li l-awtorizzazzjoni tagħha għall-użu fit-traffiku tkun ġiet sospiża. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-ġoti ta' permess għall-ivvjaġġar fit-toroq pubbliċi bejn post tat-tiswija u ċentru tal-ittestjar għall-fini ta' test tal-affidabbiltà stradali.

Artikolu 8a

Dereġistrazzjoni temporanja

1. L-Istati Membri li jipprevedu l-possibbiltà ta' dereġistrazzjoni temporanja tal-vetturi fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom għandhom jadottaw miżuri adegwati li jiżguraw li l-post fejn tinsab il-vettura jkun magħruf sakemm il-vettura tiġi rreġistrata mill-ġdid jew ir-reġistrazzjoni tiġi kkanċellata, bħall-obbligu għas-sid ta' vettura dereġistrata li jirrapporta dwar bidliet fis-sjieda lill-awtorità kompetenti matul il-perjodu li fih il-vettura tiġi dereġistrata temporanjament. Din l-informazzjoni dwar il-bidla fis-sjieda tista' tiġi rreġistrata fir-reġistru tal-vetturi.

Artikolu 9

Rikonoxximent reċiproku

1. Ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku maħruġ minn Stat Membru skont l-Artikolu 4 għandu jiġi rikonoxxut mill-Istati Membri l-oħra għall-identifikazzjoni tal-vettura fit-traffiku internazzjonali jew għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tagħha fi Stat Membru ieħor.
2. Ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli maħruġ minn Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 5 għandu jiġi rikonoxxut mill-Istati Membri l-oħra għall-identifikazzjoni tal-vettura fit-traffiku internazzjonali jew għar-reġistrazzjoni mill-ġdid tagħha fi Stat Membru ieħor b'effett minn [dħul fis-seħħ + 5 snin + jum wieħed].
3. Skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/858, ir-Regolament (UE) Nru 167/2013 u r-Regolament (UE) Nru 168/2013, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li r-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni, previst fil-paragrafi 1 u 2, ma japplikax għall-fini tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vetturi li ma ngħatawx approvazzjoni tat-tip tal-UE jew approvazzjoni individwali tal-UE.

Artikolu 10

Identifikazzjoni tal-vetturi

Sa [data tad-dħul fis-seħħ + 5 snin], l-Istati Membri jistgħu jeżiġu li s-sewwieqa jgħorru l-Parti I taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku magħhom biex jidentifikaw vettura fit-traffiku. Wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jaċċettaw kemm ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi kif ukoll mobbli għal dak il-għan.

Reġistrazzjoni mill-ġdid tal-vetturi

1. Sa [data tad-dħul fis-seħħ + 5 snin] l-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżiġu s-sottomissjoni tal-Parti I taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku u s-sottomissjoni tal-Parti II jekk kienet inħarġet meta tiġi rreġistrata mill-ġdid vettura li qabel kienet irreġistrata fi Stat Membru ieħor. Sa dik id-data, huma jistgħu jaċċettaw ukoll il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni mobbli, jekk ikun hemm. Meta ċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni jikkonsisti fil-Partijiet I u II, u l-Parti I jew il-Parti II tkun nieqsa, jew iż-żewġ partijiet ikunu neqsin, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn tkun intalbet ir-reġistrazzjoni l-ġdida jistgħu jiddeċiedu, f'każijiet eċċezzjonali, li jirreġistraw mill-ġdid il-vettura, iżda biss wara li jkunu kisbu konferma b'mezzi elettroniċi, mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn il-vettura kienet irreġistrata qabel, li ma hemm l-ebda ostaklu għar-reġistrazzjoni tal-vettura fi Stat Membru ieħor.
2. Minn [dħul fis-seħħ + 5 snin + 1 jum], l-Istati Membri għandhom jaċċettaw kemm il-Parti I kif ukoll il-Parti II jekk tkun inħarġet, taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku kif ukoll il-preżentazzjoni taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli għall-finijiet tar-reġistrazzjoni mill-ġdid ta' vettura li qabel kienet irreġistrata fi Stat Membru ieħor. L-Istat Membru ta' reġistrazzjoni mill-ġdid għandu jivverifika mal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni b'liema format(i) kienu nħarġu ċ-ċertifikati tar-reġistrazzjoni.
3. Meta jkun inħareġ biss ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni mill-ġdid għandhom jirtiraw il-parti(jiet) taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni sottomess u għandhom iżommu l-parti(jiet) irtirati, jew rekord elettroniku tagħhom, għal 5 snin. Għandhom, mingħajr dewmien żejjed:
 - (a) jinformaw b'dan l-irtirar lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ iċ-ċertifikat;
 - (b) jirritornaw il-parti(jiet) rilevanti lil dawk l-awtoritajiet jekk jitolbu dan.
4. Meta jkun inħareġ biss ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' reġistrazzjoni mill-ġdid għandhom jinformaw mingħajr dewmien żejjed lill-awtoritajiet tal-Istat Membru li jkun ħareġ dak iċ-ċertifikat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandhom jirrevokaw minnufih iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni mobbli preċedenti u għandhom iżommu l-informazzjoni li hemm fir-reġistrazzjoni preċedenti fir-reġistru tal-vetturi għal 5 snin.

5. Meta jkun inħareġ ċertifikat tar-reġistrazzjoni fiżiku u mobbli, dawn għandhom jimxu mal-passi li hemm fil-paragrafi 3 u 4.
6. Meta Stat Membru jirċievi notifika ta' reġistrazzjoni mill-ġdid fi Stat Membru ieħor, l-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat Membru għandhom jikkancelaw ir-reġistrazzjoni.

Artikolu 11

Kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt tal-kuntatt nazzjonali wieħed jew aktar responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni mal-Istati Membri l-oħra u mal-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt nazzjonali rispettivi tagħhom jikkooperaw ma' xulxin sabiex jiżguraw li l-informazzjoni kollha meħtieġa tiġi kondiviża fi żmien debitu, inkluż fir-rigward ta' talbiet mir-reġistrazzjoni mill-ġdid tal-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10a.
2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-ismijiet u d-dettalji tal-kuntatt tal-punti tal-kuntatt nazzjonali tagħhom sa [data tat-traspożizzjoni], u għandhom jinfurmawha mingħajr dewmien b'kull bidla fihom. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti tal-kuntatt kollha u tibgħatha lill-Istati Membri.

Kapitolu IV

Atti ta' implimentazzjoni u atti delegati

Artikolu 12

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 biex temenda:

- (a) il-punt 2(d)(ii) u l-punt 3(a)(i)(2) tal-Anness I u l-punt 2(d)(ii) u l-punt 3(a)(i)(2) tal-Anness II, fil-każ ta' tkabbir tal-Unjoni;
- (b) il-punt 2(f) tal-Anness I u tal-Anness II, fir-rigward ta' elementi mhux obligatorji, fil-każ ta' bidla fil-kontenut jew fid-definizzjonijiet taċ-ċertifikati tal-konformità fil-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip, u biex jitqiesu żviluppi tekniċi, operazzjonali jew xjentifiċi;
- (c) it-Tabelli 2 u 3 fl-Anness I u fl-Anness II, biex jiġu elenkati t-tikketti li jidentifikaw l-oġġetti tad-data li jikkorrispondu mad-data tar-reġistrazzjoni obligatorja u fakultattiva;

Artikolu 13

Eżerċizzju ta' delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 12 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [*data tad-dħul fis-seħħ*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat fi żmien sa disa' xhur qabel jintemm il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi taż-żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal din l-estensjoni fi żmien sa tliet xhur qabel jintemm kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu [12](#) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva mill-għada tal-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu [12](#) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn meta jintalab mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

Artikolu 14

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn Kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta jkun meħtieġ li l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat jekk, qabel l-iskadenza għall-ħruġ tal-opinjoni, dan jiġi deċiż mill-president tal-kumitat jew dan jintalab minn maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika l-Artikolu 5(4), it-tielet subparagrafu, tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu V

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 15

Skambju tad-data

1. L-Istati Membri għandhom jassistu lil xulxin fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Għandhom jiskambjaw informazzjoni relatata mad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, id-data rigward ir-riżultat tal-aħħar ċertifikat tal-affidabbiltà stradali, kwalunkwe ċertifikat temporanju tal-UE tal-affidabbiltà stradali maħruġ matul l-aħħar tliet snin, rapporti tal-ispezzjoni teknika mal-ġenb tat-triq ta' mill-inqas l-aħħar tliet snin, u l-istorja tal-odometru tal-vettura maħżuna fil-bażijiet tad-data nazzjonali u li jkopri mill-inqas l-aħħar tliet snin, b'mod partikolari biex jivverifikaw, qabel kull reġistrazzjoni ta' vettura, l-istatus legali ta' dik il-vettura, meta meħtieġ fl-Istat Membru li fih kienet irreġistrata qabel. F'każijiet debitament ġustifikati, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw mill-iskambju ta' data tipi speċifiċi ta' vetturi jew punti ta' data speċifiċi relatati ma' dawk il-vetturi għal raġunijiet ta' ordni pubbliku jew ta' sigurtà pubblika.
2. L-Istati Membri għandhom jaġġmlu jorbtu r-reġistri nazzjonali tal-vetturi u s-sistemi elettroniċi tagħhom taċ-ċertifikati tal-affidabbiltà stradali permezz tas-sistema elettronika MOVE-HUB żviluppata mill-Kummissjoni b'mod li l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru tkun tista' tikkonsulta r-reġistru tal-vetturi ta' kull Stat Membru ieħor fil-ħin reali. Din l-interkonnessjoni għandha tkun operazzjonali fi żmien sentejn wara l-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 4.
3. L-obbligu stabbilit fil-paragrafu 2 għandu jitqies issodisfat meta l-Istati Membri jużaw l-applikazzjonijiet tagħhom stess jew applikazzjonijiet ta' partijiet terzi, inkluż is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea tal-Liċenzji tal-Vetturi u tas-Sewqan (EUCARIS), biex jiskambjaw id-data u jikkonnettjaw mas-sistema elettronika MOVE-HUB.
4. L-aċċess għan-network MOVE-HUB għandu jkun sigur. L-Istati Membri jistgħu jikkollegaw biss lill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

5. Sa [*data tad-dħul fis-seħħ + sentejn*], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-funzjonalitajiet tas-sistema elettronika MOVE-HUB, u li jispeċifikaw ir-rekwiżiti minimi għall-format u l-kontenut tal-messaġġ li jridu jużaw l-Istati Membri. Għandha tispeċifika liema awtorità hija responsabbli għall-aċċess għad-data u għall-użu ulterjuri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiżguraw il-protezzjoni tad-data personali u jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 16

Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

1. Sal-31 ta' Marzu 2030, u sal-31 ta' Marzu ta' kull tielet sena minn hemm 'il quddiem, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni fuq il-pjattaforma tar-rapportar online msemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴ ("pjattaforma elettronika"), id-data relatata mal-vetturi rreġistrati fit-territorju tagħhom tul kull waħda mit-tliet snin kalendarji preċedenti. Id-data għandha tinkludi (għal kull sena kalendarja):
- (a) l-għadd ta' ċertifikati tar-reġistrazzjoni fiżiċi maħruġa, skont il-kategorija tal-vettura;
 - (b) l-għadd ta' ċertifikati tar-reġistrazzjoni mobbli maħruġa, għal kull kategorija ta' vettura;
 - (c) l-għadd ta' reġistrazzjonijiet mill-ġdid ta' vetturi li qabel kienu rreġistrati fi Stat Membru ieħor, għal kull kategorija ta' vettura;
 - (d) l-għadd ta' reġistrazzjonijiet tal-vetturi sospiżi, għal kull kategorija ta' vettura.
- Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-data miġbura lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispecificaw il-format li bih għandha tiġi kkomunikata d-data msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-pjattaforma elettronika. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 14(2).

Artikolu 17

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa [l-ewwel jum tax-xahar wara *d-data tad-dħul fis-seħħ + 3 snin*] l-aktar tard. Għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.
Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 18

Revoka

1. Id-Direttiva 1999/37/KE tiħassar b'effett minn [l-ewwel jum tax-xahar wara *d-data tad-dħul fis-seħħ + 3 snin*].
2. Ir-referenzi għad-Direttiva 1999/37/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 20

Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

